

L-Erbgħa 26 ta' Frar 2014

P7_TA(2014)0142

Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni KE-Indoneżja bl-eċċezzjoni ta' kwistjonijiet relatati mad-dħul mill-ġdid ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni ta' kwistjonijiet relatati mad-dħul mill-ġdid (11250/2013 – C7-0351/2013 – 2013/0120A(NLE))

(Approvazzjoni)

(2017/C 285/49)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (11250/2013),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra (14032/2009),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 91, 100, 191(4), 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0351/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0134/2014),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Indoneżja.